# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 187/2023: **ELMO INSURANCE LIMITED (C3500) V. YOUNESS BERRAD (KI. 92698M)**

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta’ Frar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta’ Elmo Insurance Limited (“il-kumpanija rikorrenti” jew “ir - rikorrenti”) ippreżentat fil-31 ta’ Lulju 2023[1] li permezz tiegħu talbet lil Youness Berrad ( “l-intimat”) sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data tal-appuntament għas-smiegħ biex iwieġeb għat-talba tagħha, liema talba taqra kif ġej:

> **“Fil-kaz tal-arbitragg numru M6244/2021 Mapfre Middlesea plc et ottjeniet sentenza favur taghha kontra Elmo Insurance Limited minhabba kollizzjoni tat-traffiku li sehhet fit-12 ta Ottubru 2019 gewwa Triq is-Sirk,Swieqi u dal-kaz gie deciz fis-7 ta Settembru 2022 mic-Centru Malti tal-Arbitragg (Dok A). Skond din is-sentenza u skond il-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta l-assikurazzjoni Elmo Insurance Limited, ir-rikorrenti, ghandha dritt tfittex l-assikurat taghha Youness Berrad peress il-konvenut halla il-vettura tieghu bin-numru ta registrazzjoni DBX 602 tigi misjuqa minn Almerhog Air Khalla KI 112488A liema persuna ma kellux licenzja tas-sewqan u dan id-driver kellu kollizzjoni ma vettura ohra JTY 108 liema vettura kienet qed tigi misjuqa minn Johan Gauci KI 232579M is-sid ta din l-istess vettura JTY 108.**
>
> **Illi l-ammont li ghandu jhallas Youness Berrad lil Elmo Insurance Limited huwa tmin t’elef hamsa u tmenin euro u tmienja u sittin centezimi (€ 8,085.68) kwantu ghal hamest t’elef sitt mija sebgha u erbghin euro u hamsa u sittin centezmu (€ 5,647.65) Elmo Insurance Limited kienet hallsithom lil Mapfre Middlesea plc skond is-sentenza, kif ukoll l-ammont ta’ elf**

[1] Fol 1-9

**sebghin euro u erbatax-il centezmu (€ 1,070.14) bhala spejjes tal-kawza tal- Arbitragg fuq imsemmi inkluz il-VAT. Elmo hallset ukoll lil Mapfre is-somma ta' disa mija u tlett euro tnejn u sittin centezimi (€ 903.62) imghax skond is-sentenza.**

**Minbarra dan Elmo Insurance Limited baghtiet is-somma ta mitejn u disghin euro u zewg centezimi (€ 290.02) u hamsa u erbghin euro (€ 45) VAT . Hargu ukoll minn buthom l-ispejjes ta zewg ittri ufficjali bil-vat fl-ammont ta mija tmienja u ghoxrin euro sitta u sebghin centezmu (€ 128.76) liema ittri kienu intbaghtu kontra il-konvenut Youness Berrad u kontra id-driver Almerhog Air Khalla biex ihallsu id-danni ,l-ispejjes legali tat-taxxa tal-kawza tal-arbitragg u l-imghax wara li Elmo kellha tbatihom hi biex tipprotegi id-drittijiet taghha fil-kawza halli ikollha d-dritt ta rivalsa kontra l-assikurat taghha.**

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din L-Onorabbli Qorti biex tiddeciedi illi**

**1.il-konvenut Youness Berrad hu responsabbli biex ihallas dawn l-ispejjes kollha fuq imsemmija peress li kiser il-polza li kellu ma Elmo Insurance Limited.**

**2. tikkundanna lil Youness Berrad biex ihallas is-somma totali ta tmin telef hamsa u tmenin euro tmienja u sittin centezimi (€ 8,085.68) li jirraprezentaw € 5,647.65 id-danni li kellhom ihallsu Elmo Insurance Limited lil Mapfre Middlesea plc, l-ispejjes tal-kawza tal-Arbitragg ta elf sebghin euro u erbatax il-centezimi (€ 1,070.14) li kellhom ihallsu lil Mapfre Middlsea Plc, l-imghax li hallsu Elmo Insurance Limited lil Mapfre fl-ammont ta disa mija u tlett euro tnejn u sittin centezimi (€ 903.62);l-ammont ta mitejn disa mija u zewg centezimi (€ 290.02) li kellhom johorguhom Elmo Insurance Limited minn buthom minhabba il-kawza tal-Arbitragg u l-VAT ta hamsa u erbghin euro disa u erbghin ċenteżmu (€ 45.49) biex jiddifendu ruhom u biex jipprotegu id-drittijiet taghhom ta rivalsa kontra l-assikurat taghhom il-konvenut Youness Berrad bl-ispejjes ta zewg ittri ufficjali bil-VAT li jammontaw ghal mija tmienja u ghoxrin euro sitta u sebghin centezimi (€ 128.76) li l-kumpanija attrici kellhom jaghmlu biex jipprotegu id-drittijiet taghom kontra il-konvenut,**

**Bis-subizzjoni tal-konvenut.**

**Bl-imghax u bl-ispejjes tal-Prezenti"**

wara li rat li l-intimat minkejja li ġie debitament notifikat[2] naqas milli jippreżenta risposta minkejja l-Ordni tal-Qorti tal-11 ta' Awwissu 2023[3] sabiex jekk jixtieq jikkuntesta t-talba jagħmel dan entro għoxrin ġurnata min-notifika

wara li rat li fl-ewwel seduta tal-kawża ossia fil-5 ta' Frar 2024[4] l-avukat tal-intimat, fil-presenza tiegħu stess, iddikjarat li l-intimat kien qed jammetti t-talbiet tar-rikorrenti mingħajr ebda kundizzjoni,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

---

[2] Fol 15 wara
[3] Fol 11-12
[4] Fol 17

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Kif ingħad, fl-ewwel seduta tal-kawża, l-avukat tal-intimat fil-presenza tal-intimat stess, iddikjarat li l-intimat kien qed jammetti t-talbiet tar-rikorrenti.

2. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas ġiet magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti jirriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u:**

- **tiddikjara li l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-polza li kellu mal-kumpanija rikorrenti kif indikat fir-rikors promotur u għalhekk huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tmient elef ħamsa u tmenin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€ 8,085.68) rappreżentanti d-danni inkluż spejjeż u imgħaxijiet sofferti mir-rikorrenti kif deskritt f'iżjed dettal fir-rikors promotur.**

- **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti flimkien mal-imgħax legali fuq din somma dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament.**

**Fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża dawn jkunu a karigu tal-intimat**

**V.G. Axiak** | **Y.M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**